**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 117/2020**

**Illum: 10 ta' Marzu 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Malcolm James Gilford**
**ID: 40595(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Malcolm James Gilford, iben Laurence u Alexandra xebba Mangion, imwieled il-Pietà nhar it-18 ta' Jannar, 1995, residenti ġewwa 34, Ashanti Lodge, Triq Napuljun, Żurrieq u detentur tal-karta tal-identita` numru 40595(M);

Akkużat talli f'diversi okkażżjonijiet u ħinijiet bejn l-1 ta' Settembru 2019 u l-24 ta' Jannar 2020, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda u ċioe`:

1. Ikkometta serq ta' fjuwil minn ġewwa pompa tal-*petrol* magħrufa bħala IML Service Station li tinsab ġewwa l-Blata l-Bajda, Ħamrun, liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-ħin u liema serq sar għad-dannu tal-Aġenzija tal-Infurzar Lokali LESA u/jew ta' persuna jew persuni oħra, u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l- eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tiegħu li mhijiex waħda allarmanti, kif ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, kif ukoll iċ-ċirkustanzi tal-każ. In oltre ikkunsidrat illi l-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti dwar piena ta' priġunerija effettiva.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49, 261(c),(d) u (f), l-Artikoli 268, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas is-somma ta' erba' mija, sebgħa u sebgħin ewro u tletin ċenteżmu (€477.30), lill-Aġenzija LESA u dan fi żmien xahar mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat